

Brussell, 4 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9719/18

JAI 586
CATS 40
CT 108
COPEN 182
ENFOPOL 300

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 4 ta' Ġunju 2018

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9118/18

Suġġett: Vittmi tat-Terroriżmu
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (4 ta' Ġunju 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Vittmi tat-Terroriżmu adottati mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni li sar fl-4 ta' Ġunju 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-VITTMĠ TAT-TERRORIŻMU**Il-Kunsill**

JIRRIAFFERMA li t-terroriżmu huwa ksur fost l-aktar serji tal-valuri li hija bbażata fuqhom l-Unjoni Ewropea, riflessi fl-Artikolu 2 TUE: ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza, is-solidarjetà, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.

JINNOTA li l-attakki terroristiċi għandhom l-għan li jkunu ta' dannu gravi għal pajjiż jew organizzazzjoni internazzjonali u jirrappreżentaw attakk kontra d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-istil tal-ħajja tagħna. Għalhekk, il-vittmi tat-terroriżmu huma fil-mira ta' attakk li jolqot bl-aktar mod gravi l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni. Is-soċjetajiet demokratiċi b'mod ġenerali, u l-Istati Membri tal-UE b'mod partikolari, iridu jiżguraw li tkun ipprovduta tweġiba komprensiva għall-ħtiġijiet tagħhom, inkluż l-adozzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni, appoġġ u assistenza¹.

JIKKUNSIDRA li l-fenomeni attwali tat-terroriżmu spiss ikollu dimensjoni transnazzjonali fejn għandhom x'jaqsmu awturi u vittmi, meta wieħed iqis li l-miri tiegħu huma massiċi u indiskriminati. Għalhekk, il-ħtieġa li jkun offrut rispons xieraq u koordinat lill-vittmi irrispettivament mir-residenza tagħhom fl-UE trid tkun enfasizzata skont l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2017/541/UE.

JISSOTTOLINJA l-fatt li l-Istrateġija tal-2005 tal-Unjoni Ewropea kontra t-Terroriżmu², riveduta fl-2014, tirrikonoxxi li s-solidarjetà, l-assistenza u l-kumpens lill-vittmi tat-terroriżmu u lill-familji tagħhom huma parti integrali mit-tweġiba għat-terroriżmu f'livell nazzjonali u Ewropew.

¹ Abbażi tal-premessi 27-29 u l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2017/541/UE dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu.

² 14469/4/05.

ITENNI li d-Direttiva 2012/29/UE³, li tapplika għall-vittmi kollha ta' kull delitt, tirrikonoxxi li l-vittmi tat-terroriżmu jkunu jeħtieġu attenzjoni, appoġġ u protezzjoni minħabba n-natura partikolari tal-atti kriminali li jkun twettaq kontribom, iżda fl-aħħar mill-aħħar maħsub biex jagħmel ħsara lis-soċjetà. Jistieden ukoll lill-Istati Membri biex iqisu b'mod partikolari l-ħtiġijiet tal-vittmi tat-terroriżmu u dawk tal-familji tagħhom u jħabirku biex jipproteġu d-dinjità tagħhom.

JENFASIZZA l-fatt li d-Direttiva 2017/541/UE⁴ dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu tinkludi dispożizzjonijiet partikolari maħsuba għall-vittmi tat-terroriżmu li jwieġbu aktar direttament għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi tat-terroriżmu, bħal pereżempju appoġġ emozzjonali u psikoloġiku immedjatament wara attakk terroristiku u sa meta jibqa' meħtieġ, kura medika u appoġġ fil-kisba ta' informazzjoni dwar kull kwistjoni legali, Prattika u finanzjarja rilevanti.

JINNOTA li d-Direttiva tirrikonoxxi d-dritt għal informazzjoni u assistenza sabiex issir talba għal kumpens disponibbli skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn iseħħ l-attakk, skont id-Direttiva 2004/80/KE⁵ li għandha x'taqsam ma' kumpens għal vittmi ta' delitti f'sitwazzjonijiet transfruntiera.

JENFASIZZA l-ħtieġa ta' promozzjoni tal-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri f'din il-kwistjoni biex jiggarrantixxu u jiffaċilitaw l-aċċess tal-vittmi għall-informazzjoni meħtieġa, billi jneħħu kull piż amministrattiv u legali, u jevitaw id-dewmien bla bżonn, biex il-vittmi jkunu jistgħu jitolbu d-drittijiet tagħhom.

IFAKKAR li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22 u t-23 ta' Ġunju 2017 jissottolinjaw l-importanza li jingħata appoġġ lill-vittmi ta' atti terroristiċi.

³ Direttiva 2012/29/UE tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI.

⁴ Direttiva 2017/541/UE tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI.

⁵ Direttiva 2004/80/KE tad-29 ta' April li għandha x'taqsam ma' kumpens għal vittmi ta' delitti.

JILQA' B'SODISFAZZJON il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2016 li jistabbilixxu netwerk informali dwar id-drittijiet tal-vittmi⁶.

JILQA' B'SODISFAZZJON ir-rapport tal-Kummissjoni mil-laqgħa ta' esperti ta' livell għoli dwar id-drittijiet tal-vittmi, li saret fi Brussell fid-29 ta' Jannar 2018.

JIRRIAFFERMA li hemm hteġa kbira ta' impenn kontinwu mill-Unjoni sabiex tiddefendi d-drittijiet tal-vittmi b'mod ġenerali.

JISSOTTOLINJA l-kontribut indispensabbli tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tal-vittmi fl-għoti ta' appoġġ lill-vittmi tat-terroriżmu.

JINNOTA l-Linji Gwida tal-2005 tal-Kunsill tal-Ewropa (riveduti fl-2017) dwar it-titjib tal-appoġġ, l-informazzjoni u l-kumpens għall-vittmi tat-terroriżmu.

IFAKKAR fl-Istrateġija Globali tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Terroriżmu⁷ li tenfasizza l-hteġa għal promozzjoni u protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi tat-terroriżmu.

Bl-istess mod, IFAKKAR fir-Riżoluzzjoni 2322 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tat-12 ta' Diċembru 2016 dwar l-assistenza legali internazzjonali għat-terroriżmu.

JIRRIAFFERMA s-solidarjetà profonda tiegħu mal-vittmi tat-terroriżmu u mal-familji tagħhom, u JENFASIZZA l-importanza tal-assistenza lill-vittmi tat-terroriżmu u li jingħata appoġġ lilhom u lill-familji tagħhom fi żmien ta' telfa u ta' niket.

⁶ 8960/16.

⁷ Riżoluzzjoni 60/288 tat-8 ta' Settembru 2006 li tadotta l-Istrateġija Globali tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Terroriżmu.

L-ISTATI MEMBRI HUMA MISTIEDNA BIEK

JITTRASPONU b'mod effettiv, fejn hu applikabbli, id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni, l-appoġġ u d-drittijiet tal-vittmi tat-terroriżmu stabbiliti fid-Direttiva 2017/541/UE, waqt li jqisu l-qagħda partikolari u l-ħtiġijiet speċjali ta' dan il-grupp ta' persuni.

JITTRASPONU b'mod effettiv, u JIŻGURAW, fejn hu applikabbli, l-applikazzjoni Prattika tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/29/UE li hija applikabbli għall-vittmi kollha ta' kull delitt, inkluż vittmi tat-terroriżmu, u flimkien mad-Direttiva 2017/547/UE tikkostitwixxi ġabra solida ta' drittijiet għall-vittmi tat-terroriżmu.

JAĦTRU punt ta' kuntatt nazzjonali responsabbli għall-ġħoti ta' informazzjoni dwar l-appoġġ, l-assistenza, il-protezzjoni u s-sistema ta' kumpens disponibbli għall-vittmi sabiex jiffaċilitaw l-iskambju rapidu ta' informazzjoni u assistenza f'każ ta' attakk terroristiku.

IĦEĠĠU kooperazzjoni u sinerġiji mal-istrutturi eżistenti tal-UE bħan-Netwerk Ewropew dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (NĠE), il-EUROJUST u n-netwerks tal-pulizija u ta' maniġġar ta' kriżi tal-UE.

JISKAMBJAW esperjenzi u l-aħjar prassi fir-rigward ta' assistenza u appoġġ lill-vittmi tat-terroriżmu u jqisu, flimkien mal-Kummissjoni, il-possibbiltà tal-pubblikazzjoni ta' gwida dwar l-aħjar prassi f'każ ta' attakk terroristiku fi Stat Membru biex tgħin fil-koordinazzjoni u l-iskambju rapidu ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet inkarigati mill-appoġġ u l-assistenza lill-vittmi.

IL-KUMMISSJONI HIJA MITLUBA

TAPPOĠĠA t-twaqqif ta' Ċentru ta' Koordinazzjoni għall-vittmi tat-terroriżmu, fejn tinġabar il-kompetenza esperta meħtieġa fuq il-kwistjonijiet kollha marbuta mal-vittmi tat-terroriżmu u li jgħin lill-Istati Membri billi jipprevedi gwida għall-aħjar prassi dwar xi jrid isir f'każ ta' attakk terroristiku u dwar it-tnejn għall-possibbiltà ta' attakk terroristiku.

TAPPOĠĠA lill-Istati Membri fl-iskambju tal-esperjenza u tal-aħjar prassi, u tippromwovi attivitajiet speċifiċi ta' taħriġ maħsuba għall-professjonisti li jipprovdu appoġġ u assistenza lill-vittmi.